9 ta' Ottubru 2013
111/2013

**WWW.THECHURCHINMALTA.ORG**

Is-Segertarjat għall-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali nieda portal ġdid għall-Arċidjoċesi ta' Malta. Il-websajt www.thechurchinmalta.org għandha l-għan li twassal informazzjoni dwar dak li jkun qed jiġri fil-ħajja tal-Knisja Maltija. Dan il-portal iservi biex jinħoloq djalogu kemm fi ħdan il-Knisja, kif ukoll bejn il-Knisja u s-soċjetà.

Fil-messaġġ tiegħu, l-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. jistieden lil kulħadd biex juża l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali biex isaħħu r-rabta tal-għaqda ta' bejnietna, bħala Insara u bħala Maltin. L-Arċisqof jesprimi x-xewqa li din il-websajt isservi wkoll biex jinżamm kuntatt miegħu.

L-istruttura l-ġdida tinkludi spazju għal informazzjoni dwar: il-Konferenza Episkopali Maltija, l-Arċisqof u d-diskorsi tiegħu, l-Arċidjoċesi u l-amministrazzjoni tagħha u r-responsabbiltà tal-Isqof Awżiljarju li huwa wkoll il-Vigarju Ġenerali, is-Segretarjati u l-Kummissjonijiet, il-Parroċċi, l-Ordnijiet u l-Kongregazzjonijiet Reliġjużi, Media, u s-sehem ta' kull Nisrani fil-Knisja. Taħt il-paġna tal-Arċisqof, wieħed jista' wkoll jikteb direttament lill-Arċisqof Pawlu Cremona.

Id-disinn tal-*portal* l-ġdid huwa mibni fuq stil ta' *pinboard,* fejn fil-paġna ewlenija wieħed isib firxa ta' artikli li joffru stampa panoramika ta' dak li jkun qed jiġri fil-Knisja f'Malta u fil-Knisja Universali.

Fil-websajt jidher ukoll logo ġdid li jissimbolizza salib iffurmat mill-ġebel. L-idea warajh hi li l-Knisja toħroġ mil-kustat ta' Kristu Imsallab u hija mibnija minn ġebel ħaj li huma l-Insara, li flimkien jiffurmaw il-poplu t' Alla. Is-salib abjad li jispikka bejn il-ġebel huwa s-sinjal tar-rebħa ta' Kristu minn fuq is-salib, issiġillata bil-qawmien tiegħu mill-mewt. Din hi t-tama li trid twassal il-Knisja, li permezz tagħha tagħmel kuraġġ lil kulħadd, l-aktar lil dawk li jkunu qegħdin ibatu.

Dawk kollha li jidħu fil-websajt thechurchinmalta.org jistgħu wkoll iżommu ruħhom aġġornati permezz tal-preżenza tal-Knisja f'Malta fin-networks tal-medja soċjali, fosthom Facebook, Twitter u Youtube.

Is-Segretarjat għall-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali jirringrazzja lill-kumpanija Rightbrain għad-disinn u l-parti teknika ta' dan il-proġett.